

Is-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba twaqqfet fl-1910 bl-isem 'King George V' għar-Re li kien għadu kemm tela' fuq it-tron f'Mejju ta' dik l-istess sena. Is-Soċjetà twaqqfet biex tiċċelebra l-festa ta' Santa Marija, patruna tal-Imqabba, u tgħallem il-mużika. Fir-ritratt tidher l-istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V. Fl-isfond tidher is-sede tas-Soċjetà Santa Marija li aktar tard din is-sena se żżanżan estensjoni maġenbha fuq il-lemin






Nhar it-Tlieta li għadda, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi, flimkien mal-President tas-Soċjetà Santa Marija Carmel Zahra u s-Sindku tal-Imqabba Noel Galea, kixef lapida fi dħul is-sede tas-Soċjetà biex tfakkar il-mitt sena mit-twaqqif tagħha. Il-lapida tbierket mill-Kappillan tal-parroċċa tal-Imqabba, Dun Nazzaren Caruana



L-Għaqda tan-Nar tal-Art Santa Marija tal-Imqabba din is-sena rebħet il-kompetizzjoni nazzjonali tal-logħob tan-nar tal-art fil-Furjana fl-24 t'April. Hi rebħet il-premju ġenerali tal-festival u l-premjijiet għall-aħjar mekkaniżmu, l-aħjar prodotti użati u għall-oriġinalità






Is-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba nhar it-Tlieta filgħaxija fakkret iċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha bi programm vokali u strumentali mill-banda tagħha Re Ġorġ V, immexxija mis-Surmast David Agius, u kxif ta' lapida u diskorsi tal-okkażjoni mill-President tas-Soċjetà Carmel Zahra u mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi li jidher waqt id-diskors tiegħu



L-istatwa titulari tal-Imqabba kienet minquxa fl-injam mill-Iskultur Alessandro Farrugia fuq stil Barokk fl-1836. Fl-1928, l-istatwa sarulha pedestall tal-fidda u bradella ġdida fuq disinn tal-Imgħallem Abram Gatt. Il-pedestall sar fl-Italja mid-ditta Antonio Ghezzi e Figlio ta' Milan. Il-bradella nħadmet mis-Surmast Manwel Buhagiar f'Ħal Tarxien

# L-Imqabba tiċċelebra ċ-ċentinarju tas-Soċjetà Santa Marija

**F'dawn il-ġranet tal-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba, is-Soċjetà li tiċċelebra l-festa tar-raħal qiegħda tfakkar il-mitt sena mindu twaqqfet. Ir-ritratti u l-informazzjoni taħthom jagħtu tagħrif dwar dan l-anniversarju.**



L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba rebħet l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar li sar fil-Port il-Kbir fl-2006. F'dan il-kampjonat, l-Għaqda Mqabbija kkompetiet ma' diversi għaqdiet tan-nar Maltin u internazzjonali u niżżlet isimha bħala l-ewwel rebbieħa ta' dan il-kampjonat





Il-President George Abela jidher waqt żjara fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba fi Frar hu u jara mill-qrib il-premju tal-Unjoni Ewropea għall-ġemellaġġi 'Stilel tad-Deheb għall-Ġemellaġġi' li s-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba rebħet fl-1998 għall-ġemellaġġ li għamlet mal-banda Taljana ta' Santa Vittoria in Matenano f'Ascoli Piceno





L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba rebħet il-kampjonat dinji tal-logħob tan-nar - bit-titlu 'Caput Lucis' - f'Ruma, l-Italja, fl-2007. Hi kkompetiet ma' għaqdiet tan-nar mill-Italja, mill-Ingilterra, minn Spanja, mis-Slovenja, mir-Rumanija, mill-Ġappun u miċ-Ċina. Il-miġja tat-trofew tal-kampjonat dinji f'Malta u fl-Imqabba fis-6 t'Awwissu 2007 kienet festeġġjata kif jixraq







Il-koppla tal-knisja parrokkjali tal-Imqabba kienet waqgħet fl-agħar ħbit mill-ajru li ġarrab ir-raħal tal-Imqabba fid-9 t'April 1942. L-istess ġralha vara tal-ġebel li kienet fil-pjazza. Il-koppla reġgħet inbniet wara l-gwerra fuq disinn akbar milli kellha qabel u kienet inawgurata fl-1960 flimkien ma' vara ġdida tal-ġebel fil-pjazza. Dan l-anniversarju ta' 50 sena tal-koppla u l-vara kien imfakkar f'*re-enactment* li l-Kummissjoni Festi Ċentinarji tas-Soċjetà Santa Marija tellgħet fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fid-9 t'April li għadda